

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2021 – Aquino vs Il-Parlament****(Kawża T-253/21)**

(2021/C 252/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Roberto Aquino (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukata)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tiddikjara li dan ir-rikors huwa ammissibbli u fondat;
- għaldaqstant,
- tannulla d-deċiżjoni tas-7 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha d-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Persunal annulla l-elezzjoni tal-President tal-Kumitat tal-Persunal u ddeċieda li jerġa' jiproċedji bl-imsemmija elezzjoni;
- jannulla l-laqgħa kostituttiva tal-14 ta' Settembru 2020 u l-elezzjonijiet li seħħew fiha u, b'mod partikolari, l-elezzjoni tal-President tal-Kumitat tal-Persunal;
- tannulla d-deċiżjoni tal-5 ta' Frar 2021 li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent fis-6 ta' Ottubru 2020;
- tikkundanna lill-konvenut għall-kumpens tad-dannu morali evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 2 000;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-riktors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur mill-konvenut tad-dmir tiegħu li jiżgura li l-uffiċjali tiegħu u l-Membri tiegħu għandhom il-possibbiltà li jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom b'libertà sħiħa u b'osservanza ta' regoli stabbiliti. Ir-rikorrent jinvoka wkoll il-ksur tal-Artikolu 4 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat tal-Persunal u tad-dmir ta' diliġenza.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal smiġħ u tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2021 – Armadora Parleros vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-254/21)**

(2021/C 252/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrent: Armadora Parleros, SL (Santa Eugenia de Ribeira, Spanja) (rappreżentant: J. Navas Marqués, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralijogħġobha:

- tiddikjara li l-Kummissjoni Ewropea kisret l-Artikolu 118 tar-Regolament Nru 1224/2009 li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd permezz ta' ommissjoni, billi ma wettqitx kontroll u superviżjoni xierqa dwar l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-regolament mir-Renju ta' Spanja, li jista' jikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju lir-rikorrenti ARMADORA PARLEROSEN, S.L.;
- tiddikjara li dan il-ksur tal-Kummissjoni kkawża dannu lir-rikorrenti ARMADORA PARLEROSEN, S.L., fit-telf tal-*lucrum cessans* mis-sajd għall-kavalli u l-merluzz fil-perijodu mill-2006 sal-2020;
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas lill-entità kummerċjali ARMADORA PARLEROSEN, S.L. ammont ta' 'DISA' MILJUN, TMIEN MIJA U WIEĦED U TMENIN ELF, ERBA' MIJA U ERBGĦA U TLETIN EURO u WIEĦED U SITTIN ĊENTEŻMU (EUR 9 881 434,61) bħala kumpens għad-danni, flimkien mal-interessi bir-rati legali u kapitalizzazzjoni tal-imsemmija interassi;
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas l-ispejjeż legali kollha inkorsi.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku.

Fil-fatt, ir-rikorrenti takkużza lill-Kummissjoni Ewropea b'aġir illegali. B'mod partikolari fir-rigward tal-ommissjoni fid-dmr tagħha ta' sorveljanza u kontroll fir-rigward tar-Renju ta' Spanja dwar l-applikazzjoni effettiva tal-Politika Komuni tas-Sajd (iktar 'il quddiem il-'PKS"), u spēċifikament tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplikha għall-politika komuni tas-sajd (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 2, p. 70) u tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU 2009, L 343, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2013, L 355, p. 93, ĠU 2014, L 318, p. 34 u fil-ĠU 2015, L 149, p. 23). Isir riferiment b'mod partikolari għan-nuqqas ta' verifika tal-qawwa tal-magni tat-tkarkir li joperaw fl-ilmiċċiet tal-ibħra tar-reġjuni ta' Cantabria u tal-Majjistral".

Bħala riżultat ta' dan il-ksur, ir-rikorrenti sofriet dannu bejn l-2006 u l-2020 minħabba l-impossibbiltà li tuża l-bastiment "Vianto Tercero" li, minħabba applikazzjoni ħażina tal-PKS, kellu jiġi skrappjat u konsegwentement, bl-ebda mod ma jista' jintuża. Dan kollu ħoloq telf ekonomiku għall-kumpannija ARMADORA PARLEROSEN S.L.

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2021 – Basaglia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-257/21)

(2021/C 252/43)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Partijiet

Rikorrent: Giorgio Basaglia (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Balossi, F. Fimmanò u G. Borriello, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralijogħġobha tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas kumpens għad-danni mġarrab minn Giorgio Basaglia, għar-raġunijiet esposti fir-rikkors tiegħu u fuq il-bażi tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, fl-ammont totali ta' mhux inqas minn EUR 5 013 328,64.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed u jiddedika parti għall-kwantifikazzjoni tad-dannu mġarrab.